# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru sitta u tletin (36) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi, (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2009, fis-6:10pm fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| | Dr Charmaine Cherret | Avukat |

1 Din il-laqgħa kienet imsejħa b'urġenza biex isir *follow up* ta' laqgħa oħra li nżammet dal-għodu fl-Uffiċċju ta' l-Avukat Montalto biex ġie diskuss il-każ ta' Jason Cutajar. Għal dan il-għan il-minuti li ttieħdu dal-għodu tal-laqgħa li saret fil-10:00am fi 157, Strada Stretta, l-Belt Valletta, qed jiġu ntegrati ma dawk ta' din il-laqgħa għal benefiċċju ta' kull min irid isegwi aħjar l-andament tal-każ.

2 Għal laqgħa ta' dal-għodu attendew is-Sindku, Pietru Pawl Busuttil; Dr Charmaine Cherret, l-Avukat tal-KLĦS, l-Avukat Montalto u l-klijent tiegħu Jason Cutajar.

3 Pietru Pawl Busuttil qal li hu ried iħejji ruħu sew għal din il-laqgħa billi l-ewwel nett inġabru t-totali ta' l-ammonti li joħorġu mir-rapporti ta' Busuttil & Micallef għall-KLĦS. Imbgħad matul tmiem il-ġimgħa ħejja t-talba tal-KLĦS jew aħjar il-proposta tagħna kif għandu jkunu mħallsin lura lilna l-fondi misapproprijati mill-eks Segretarju Eżekuttiv. Dan għamlu permezz ta' dokument li wkoll qed jitpoġġa ma' dawn il-minuti bħala parti integrali minnhom peress li hu' mibni fuq dak kollu li kien diskuss fil-Kunsill. Jiġifieri, hu ta' indikazzjoni ta' kemm instabu fondi misapproprijati kull sena, għamel il-proposta li ħamsin fil-mija minnhom ikunu mħallsin minn Jason Cutajar minnufih u l-kumplament maqsumin b'€1250 kull xahar. Dan id-dokument reġa' inqara fil-laqgħa tal-lejla wkoll lill-kunsillieri mis-Sindku.

4 Intant, Dr Charmaine Cherret, sa ma seħħet il-laqgħa ta' dal-għodu, kienet diġa' avviċinat lill-avukat ta' Jason Cutajar u aġġornatu bis-somma globali misapproprijata u tatu wkoll indikazzjoni li l-ħsieb tal-KLĦS hu li ssir ipoteka fuq l-assi ta' Cutajar għaliex jista' jkun li wara ċertu żmien jibda' jaqa' lura fil-ħlasijiet kull xahar u l-Kunsill ma jkun jista' jagħmel xejn. Matul il-laqgħa tal-lejla intqal illi fl-ipoteka ġenerali li qed nipproponi li ssir, għandha tidħol klawsola illi jekk ifalli xahar illi jħallas jintilef il-benefiċċju tat-terminu,

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt

jiġifieri illi jħallas fix-xahar. Pero' biex tkun tista' ssir din l-ipoteka, is-Sinjura ta' Jason Cutajar, trid tkun firmatarja ta' din l-istess ipoteka.

5 Dr Cherret qalet li matul il-laqgħa ta' dal-għodu, l-Avukat Montalto aktar qisu donnu beda jaqbel magħna milli mal-klijent. Għaldaqstant, Jason Cutajar talab li jingħatalu żmien sa bħal għada ġimgħa biex jagħtina risposta għal dan kollu speċjalment biex ikun jista' jħallas l-ammont ta' 50% tas-somma misappropjata. Hu matul il-laqgħa ta' dal-għodu qal li r-risposta aktarx tkun waħda pożittiva.

6 Matul il-laqgħa ta' dal-għodu, l-Avukat Montalto qal illi Jason Cutajar mhux qed jaqbel mal-figuri ta' l-Investigaturi tal-KLĦS. Għaldaqstant, l-istess Cutajar talab li jkollu aċċess għal files fl-uffiċċju (mingħajr il-fakulta' li jieħu fotokopji u dokumentazzjoni oħra) sabiex jikkonferma dan, billi jerġa' jidħol fl-uffiċċju għal bejn tlieta u ħames nofs-ta'-nhari u filwaqt illi jkun sorveljat, jieħu xi notamenti. Din il-proposta skond Jason Cutajar saret għaliex fl-2007 Jason kien ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li hu kien ħa €7,000 iżjed mir-rapport oriġinali u mbgħad kienet saret emenda wara li ħareġ ir-rapport għaliex dawn kienu nstabu aktar tard. Jason Cutajar qal li bħalma kienu 'ħadu żball' favur tiegħu l-investigaturi f'dik is-sena, jista' jkun li ħadu xi żball kontra tiegħu fi snin oħra.

7 Il-kunsillieri kollha unanimament ma qablux mal-proposta illi Jason Cutajar jingħata dan l-aċċess għaliex bħal issa il-każ qiegħed f'idejn il-pulizija u jista' jkun preġudikat. Huma qalu illi biex isir dan trid issir talba formali mhux biss lill-KLĦS iżda wkoll lid-Dipartiment Gvern Lokali u oħra lill-Kummissarju tal-Pulizija ħalli naċċertaw ruħna li l-Kunsill ma jkun involut assulutament xejn minn din il-misappropriazzjoni ta' fondi. Barra minn hekk, Jerome Busuttil qal li ħadd mhu se joqgħod ħames nofs ta' nhari għassa ma Jason Cutajar li ma jħassar l-ebda traċċa ta' għemil mhux xieraq li sar fil-passat. Barra minn hekk l-ewwel ordni li kienet ħarġet mill-Kunsill qabel ma bdew l-investigazzjonijiet kienet illi 'Jason Cutajar ma jistax jidħol fil-Muniċipju aktar'.

8 Għaldaqstant l-Avukat Cherret se tinforma lill-avukat ta' Jason Cutjar illi l-proposta mhux aċċettabbli u l-Kunsill se jistenna sat-19 ta' Awwissu 2009 biex jingħata risposta dwar il-proposta li ressaq aktar kmieni matul dan il-jum.

9 Pietru Pawl Busuttil qal illi f'din l-ipoteka rridu ninkludu wkoll l-imgħax ta' 8% u dan se jkun kollu insinwat. F'dan il-waqt l-Avukat Cherret spjegat x'hini d-differenza bejn ipoteka ġenerali u dik speċjali. Hija qalet li l-ewwel prijorita' fuq propjeta' li tkun mgħobbija bid-dejn, huwa l-bank li jkun sellef. Madankollu l-ipoteka diskussa kienet waħda ġenerali li tinkludi l-assi kollha u mhux biss ta' propjeta'.

Kunsill Lokali Ħal Safi
40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt

10 Pietru Pawl Busuttil reġa' talab lill-Avukat Cherret tkun magħna fil-laqgħa tal-KLĦS nhar l-20 ta' Awwissu, 2009, fis-6:00pm ħalli niddiskutu l-eżodu tal-każ. L-avukat ħarġet mill-kamra fis-6:50pm u mbgħad il-KLĦS iddiskuta l-istima mogħtija fil-5 ta' Awwissu, 2009 tax-xogħlijiet ta' restawr ta' l-istatwa u n-niċċa ta' San Ġużepp minn Frank Chetcuti.

11 Kien hemm proposta biex niktbu uffiċjalment lill-Każin San Pawl u nistednuhom iressqu l-proposti tagħhom għal festa ta' San Pawl 2009 fil-laqgħa tagħna magħhom ta' nhar id-20 ta' Awwissu, 2009.

12 Reġgħet kienet diskussa d-diffikulta' tar-road marking paint li mhix isservi fit-tul. Bħala miżuri ta' prekawzjoni se jingħalaq nofs ta' nhar sħiħ l-aċċess li jgħaddu l-vetturi minn fuqha biex nassiguraw li ma tinqalax bir-roti tal-vetturi. Se nippruvaw esperiment billi naħslu dawk antiki mill-marki tat-tires suwed speċjalment fuq stop sign li intqal li jkun hemm aktar stress fuqha milli xi line abjad (continuous line) fin-nofs tat-triq.

13 Intant propju waqt din il-laqgħa ingħata bidu għat-taħriġ ta' studenti sponsorjati mill-Kunsill Malti għall-Isport konġunta ma proposta tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Konsultazzjoni bl-isem Inizjattivi Sportivi, billi fil-pitch sintetiku tal-Kunsill matul dan is-sajf kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis qed jibda' jsir taħriġ sportiv mhux biss fil-futbol iżda wkoll handball u eżerċizzji fiżiċi oħra.

14 Il-laqgħa ntemmet fis-7:10pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum /9/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku